MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Numru. 902/2002

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt)
vs
Manuel Gatt, iben Joseph,
imwieled Birkirkara fl-4 ta'
settembru, 1947
u
Joseph Gatt, iben Emanuel,
imwieled Pieta' fil-25 ta'
ottubru, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fis-16 ta' lulju, 2002 għal ħabta tal-11.00 a.m. ġewwa Ta' Xbiex volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorriex il-ħames mitt lira maltin imma iżjed minn ħamsin lira maltin għad-dannu tal-Awtorita' Marittima Maltija u Christopher Schembri mill-Iklin;

2. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi nġurjaw jew heddu jew għamlu offiza fuq il-persuna tal-Berthing Master Christopher Schembri, mill-Iklin, u persuni oħra ta' l-istess Awtorita', persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda ta' Christopher Schembri li nforma l-Qorti li d-danni tħallsu kollha u li hu ma jrid xejn mill-imputati u li ħafrilhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' jannar, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikoli 94(1) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedini penali netti ta'
l-imputati. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt
il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------